Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 358 / 2018

Il-Pulizija

vs

Mark Gatt

Illum 6 ta' Dicembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Mark Gatt detenur tal-karta tal-identita Maltija 342094 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-3 ta' Gunju 2018 ghall-habta ta' bejn nofs il-lejl u 04:00hrs gewwa Numero Uno Ta' Qali l/o Attard, Malta;

1. Naqas li josserva jew kiser xi wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu minn Ordni ta' Protezzjoni, liema ordni inharget b' sentenza definittiva datata nhar is-7 ta' Mejju 2018 mahruga mill-Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D. fejn il-Qorti kienet provdiet ghas-sigurtà ta' Mauro Magro ghal perjodu ta' sentejn u dan bi ksur tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tapplika Sec 383 u Sec 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-harsien ta' Mauro Magro.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-19 ta' Settembru, 2018, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ksur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannatu ghal multa ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Mark Gatt, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-25 ta' Settembru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħoġobha **<u>tħassar u tirrevoka</u>** s-sentenza u **<u>tiddikjara</u>** lil appellant mhux hati u tilliberah min kull piena u htija.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-appellant hassitu aggravat mis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati u ghaldaqstant qieghed tinterponi dan l-umli appell ghal-kunsiderazzjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali;

Akkuza Zbaljata

Illi n sintesi l-appellant gie akkuzat talli nhar 3 ta' Gunju 2018, naqas milli josserva l-kundizzjonijiet impost fuqhu permezz tas-sentenza datata 7 ta' Mejju 2018, b' dana li mar kontra u kiser l-artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali;

Illi kif diga inghat supra, l-appellant permezz tas-sentenza tas-7 ta' Mejju 2018, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kienet inponit Ordni ta' Trazzin u dan ai termini tal-artikolu 382 A tal-Kap 9 u mhux Ordni ta' Protezzjoni hekk kif mahsub that l-artikolu 412 C tal-istess Kap;

Illi ghalkemm icto oculi wiehed jara somiljanza bejn iz-zewg ordnijiet fil-Kodici Kriminali, fejn sahansitra xi artikoli japplikaw mutadis mutandis, pero ma hemm l-ebda dupju li fil-kaz in dizamina l-appellant, fis-sentenza originali kellu kontra tieghu Ordni ta' Trazzin u mhux Ordni ta' Protezzjoni, stante dan l-akkuzi, tal-kaz in dizamina, ghandhom fil-mira taghhom il-ksur mahsub ai termini tal-artikolu 412C, kwindi l-appellant ma setgha qatt jinstab hati gialadarba ma jezisti l-ebda Ordni ta' Protezzjoni in vigore;

Ordni ta' Trazzin bla effet

Illi sussidjarjament ghal-aggravju precedenti, l-appellant jikkontenti l-Ordni ta' Trazzin fis-sentenza datata 7 ta' Mejju 2018, huwa bla effet u kif ser jigi spjegat aktar l-quddiem;

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha tas-7 ta' Mejju 2018, fil-parti tal-piena tenniet is-segwenti

*"In oltre a tenur tal-artikolu 382 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-hrug ta' ordni ta' trazzin fil-konfront tal-hati li permezz tieghu taghti effett ghall kull ma hemm fis-subinciz (3) tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaf-favur ta' Mauro Magro ghal zmien sentejn."*

Illi s-subinciz 3 tal-artikolu 412C jikkontempla u jaghti direzzjoni lil Qorti fuq r-ragunijiet li l-Qorti ghandha zzomm a konjizzjoni qabel ma jinhareg tali Ordni ta' Protezzjoni, jew in rilevanza ghal-kaz odjern, qabel ma jinhareg Ordni ta' Trazzin;

Illi huwa evidenti li ma huwiex ta' interess ghal-appellant, li kif inghat fis-sentenza originali, li jkun infurmat li l-Qorti qeghda taghti effet ghall kull ma hemm fis-subinciz 3, stante li dan ma ghandu l-ebda effett fuq l-appellant ghajr il-hrug tal-Ordni nnifsu;

Illi kwindi jidher car li l-Qorti tal-Magistrati ridet tincita s-subinciz 8 tal-artikolu 412C, li huwa rez applikabli permezz tas-subinciz 1 tal-artikolu 382 A tal-Kap 9, ghax huwa fit-tali subinciz li l-legislatur indika f' hiex ghandu jikkonsisti Ordni ta' Trazzin;

Illi tenut kont ta' dak suindikat, gialadarba l-kaz huwa llum res judicata, dan jfisser li, dato ma non concesso, li kellha tigi accetta l-verzjoni tal-Parte Civile, l-agir tal-appellant ma seta qatt jikkonstitwixxi ksur tal-Ordni ta' Trazzin kif maghmul mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha tas-7 ta' Mejju 2018;

Vittma mhux kredibli

Illi in linea sussidjarja ghal-aggravji precedenti, u f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ma tilqax l-aggravji menzjonati supra, l-appellant jirrileva li l-Qorti tal-Magistrati ma setghat qatt issib htieja fl-appellant minhabba l-fatt li l-Prosekuzzjoni ma lahqietx l-livell tal-prova kif tirrikjedi l-ligi;

Illi fix-xhieda tieghu l-Parte Civile kellu diversi kontradizzjonijet li meta ezaminati bir-reqqa, b' kull dovut rispett lejn l-Qorti tal-Magistrati, u invista tas-sentenza promulgata, senjatament fejn l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ddikjarat li ma ssib l-ebda raguni sabiex tiddubita' l-versjoni tal-Parte Civile, l-esponent jinsab;

Illi jibda biex jinghad li l-Parte Civile stqarr bil-gurament li malli ra lil appellant quddiem wiccu baqa taht xokk u aktar meta skont hu, l-appellant tah daqqa ta' spalla u rifsu, mma stante dan ix-xokk kbir li kellu, fl-istess nifs qall li ma qaghatx ikabbar l-affarijiet u lil hbieb tieghu ma qallilhom xejn;

Illi b' kull rispett jew kont taht xokk jew ghalik ma kien gara xejn, u stante li sar rapport dwar l-akkadut, huwa logiku li tikkontendi li ma huwiex vera li dan l-allegat incident ma halliex impressjoni fuq l-Parte Civile;

Illi mill-atti processwali jemanixxi li l-Parte Civile mar jirraporta l-ghassa tar-Rabat (Malta) biss l-ghada tal-akkadut, u meta konfrontat mal-fatt li gialadarba hassu daqsekk taht xokk, invista tas-sentenza fil-konfront tal-appellant, kif ma martx jirraporta dak il-hin stess, s-Sur Magro kien biss kapaci jgib skuza mil-aktar fjakka fejn staqq li gialadarba l-allegat incident sehh fis-siegha ta' filghodu (1am), dak ma huwiex hin sabiex tmur taghmel rapport, b' kull dovut rispett din hija gidba. Gidba ta' persuna li bdiet tara kif ser tipprovoka l-appellant u meta rat li ma rrexxiliex u wara li kella hin bizzejjed sabiex tahseb u tifforma verzjoni u pjan, marret bla misthija ta' xejn tirraporta akkadut li qatt ma sehh u kellha l-awdacja li titla' tixhed b' gurament ittenni din il-gidba fahxija;

Illi inoltre' dan l-Parte Civile stqarr wkoll li l-hbieb tieghu kienu hdejh meta gara l-akkadut, izda peress li ma jafux lill-appellant dawn ma waqfuhx ghax ma ndunawx x' kien gara, apparti l-fatt li ghalkemm ammetta li kien ilu fl-istabbiliment ta' divertiment ghal-diversi sieghat, s-Sur Magra xorob f' xorb alkaholiku fl-ammont ta' tazza wahda inbid;

Illi l-prosekuzzjoni permezz tal-Parte Civile thalliet mil-Qorti tal-Magistrati taghmel kummenti li skont dak kontemplat fil-Kodici Kriminali, kif wkoll d-drittijiet fundamentali tal-bniedem ma huwiex permessibli, u dan stante li d-dritt sancit tas-silenzju mil-appellant gie effettivament michud, b' dana li gie mistqarr li jekk l-verzjoni tal-Parte Civile kellha tigi kontradetta, kellha temanixxi mix-xiedha li kellu joffri l-appellant;

Illi dan jmur kontra l-ligi u l-gurisprudenza, u xoghol id-difiza ma huwiex li iggieb xi prova sabiex jigi skagonat l-imputat quo appellant, imma billi tarbel l-provi prodotti mil-prosekuzzjoni u tevalwa jekk tali jlahqux l-prova rikjesta mil-ligi, cioe dak tac-certezza morali;

Illi min dak suindikat l-esponent jemmen li t-tezi difensjonali lahqet l-livell tal-probabli, u stante dan l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kellha tieqaf hemm u

tiddikjara lil imputat quo appellat mhux hati u tilliberah min kull akkuza, fl-ahjar interess tal-gustizzja;
Ikkunsidrat;

Illi quddiem l-Ewwel Qorti xehdu Wps145 G. Zammit u Wps 224 Susanne Mifsud permezz tal-procedura tal-affidavit. Giet prezentata sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Jeanne Farrugia) (Spettur Lara Butters) Vs Mark Gatt' immarkata bhala Dok.SA1 u l-fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok.SA2. Gie prezentat rapport tal-Pulizija immarkat bhala Dok.SA3. Fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed il-parte civile Mauro Magro.

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Permezz ta' decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Jeanne Farrugia) (Spettur Lara Butters) Vs Mark Gatt', dik il-Qorti apparti pieni ohra kienet iddecidiet li '*In oltre a tenur tal-artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-hrug ta' ordni ta' trazzin fil-konfront tal-hati li permezz tieghu taghti effett ghall kull ma hemm fis-subinciz (3) tal-artiklu 412C tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaf-favur ta' Mauro Magro ghal zmien sentejn.*'

2. Illi Mauro Magro irraporta dwar episodji ta' provokazzjoni da' parte tal-appellant Mark Gatt fil-konfront tieghu li sehhew fl-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) gewwa l-istabbiliment ta' divertiment Numero Uno f'Ta' Qali;

3. Illi inharget l-akkuza in kwistjoni.

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda 'akkuza zbaljata'. L-apppellant fl-appell tieghu jissottometti li l-appellant gie akkuzat talli nhar it-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) naqas milli josserva l-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz tas-sentenza datata s-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) b'dana li mar kontra u kiser l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali.

Jissottometti li permezz tas-sentenza tas-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-Qorti tal-Magistrati imponiet Ordni ta' Trazzin u dan ai termini tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 u mhux Ordni ta' Protezzjoni hekk kif mahsub taht l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jispjega li ghalkemm wiehed jara somiljanza bejn iz-zewg ordnijiet fil-Kodici Kriminali fejn certu artikoli japplikaw mutadis mutandis, l-appellant fis-sentenza li kellu kontra tieghu giet imposta fuqu ordni ta' trazzin u mhux ordni ta' protezzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghas-sentenza li kienet imponiet l-ordni fil-konfront tal-appellant, ossia dik fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Jeanne Farrugia) (Spettur Lara Butters) Vs Mark Gatt'**[1], fejn il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ddecidiet li:

'*Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah, wara li rat l-artikoli 214, 215 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sena (1) prigunerija izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tissospendiha ghal zmien sentejn (2) millum.*

*Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati jhallas l-ammont ta' erba' mija u tnejn u sittin Euro u tnejn u sittin centezmu (€462.62) rapprezentanti hlas ta' esperti nominati.*

*In oltre* ***a tenur tal-artikolu 382A tal-Kap 9*** *tal-Ligijiet ta' Malta, tordna* ***l-hrug ta' ordni ta' trazzin*** *fil-konfront tal-hati li permezz tieghu* ***taghti effett ghall kull ma hemm fis-subinciz (3) tal-artiklu 412C tal- Kap 9*** *tal-Ligijiet ta' Malta ghaf-favur ta' Mauro Magro ghal zmien sentejn.*

*Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.*' (Emfazi mizjuda)

[1] Deciza fis-7 ta' Mejju, 2018

Illi ghalhekk jirrizulta car li l-ordni li nharget fil-konfront tal-appellant ma kinitx dik ta' ordni ta' protezzjoni izda dik ta' ordni ta' trazzin. Dik il-Qorti kienet specifikament rreferiet ghall-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti 'Ordnijiet ta' Trazzin' u r-referenza ghall-artikolu 412C(3)tal-Kapitolu 9 kienet biss rigwardanti dak li l-Qorti ghandha tqis qabel tohrog tali ordni. L-artikolu 382A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmilha cara li l-Qorti tista' meta taghti sentenza kontra l-akkuzat, flimkien ma' kull piena li tista' taghti lill-hati taghmel Ordni ta' Trazzin u taghti effett ghal kull ma hemm fis-subartikolu 412C(3) u li s-subartikoli 8 sa 11 tal-artikolu 412C japplikaw *mutatis mutandi*. Ghalhekk dik il-Qorti ghalkemm il-prosekuzzjoni kienet talbet il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-artikolu 412C, hija fis-sentenza taghha ghalkemm tat effett ghal kull ma hemm fl-artikolu 412C(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Trazzin taht l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux Ordni ta' Protezzjoni taht l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

In oltre jirrizulta li minkejja dan, il-fedina penali tal-appellant rigwardanti s-sentenza moghtija fis-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2018) apparti pieni ohra, erronjament indikat '*Two (2) years Protection Order in favour of Mauro Magro as per Art 412C of Chap 9*' minflokk ma indikat il-hrug tal-Ordni ta' Trazzin *ai termini* tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-akkuza migjuba kontra l-appellant quddiem l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata taqra:

'*Akkuzat talli nhar it-03 ta' Gunju 2018 ghall-habta ta' bejn nofs il-lejl u 04:00hrs gewwa Numero Uno Ta' Qali l/o Attard, Malta;*

1. *Naqas li josserva jew kiser xi wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu minn **<u>Ordni ta' Protezzjoni</u>**, liema ordni inharget b' sentenza definittiva datata nhar is-7 ta' Mejju 2018 mahruga mill-Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D. fejn il-Qorti kienet provdiet ghas-sigurtà ta' Mauro Magro ghal perjodu ta' sentejn u **<u>dan bi ksur tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9</u>** tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tapplika Sec 383 u Sec 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-harsien ta' Mauro Magro.'* (Emfazi mizjuda)

Illi kemm WPS145 G.Zammit u anke WPS224 Susanne Mifsud fl-affidavit taghhom jaghmlu referenza ghal parti disposittiva tas-sentenza tas-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) moghtija fil-konfront tal-appellant fejn dik il-Qorti kienet ordnat il-hrug tal-Ordni ta' Trazzin, madankollu l-akkuza li nharget fil-konfront tal-appellant ghalkemm kienet tirrigwarda ordni mahruga minn Qorti f'sentenza moghtija fis-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) kienet issemmi ksur ta' wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet ta' Ordni ta' Protezzjoni u mhux Ordni ta' Trazzin.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma kkunsidratx din il-kwistjoni, filfatt ma jirrizultax li l-partijiet qajmu din il-kwistjoni quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas ma jirrizulta li kienet intalbet il-korrezzjoni tal-akkuza. Fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti sabet lill-imputat hati tal-ksur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta kkundannatu ghal hlas ta' multa. Ghalhekk jirrizulta li fil-parti dispositiva, l-ewwel Qorti iccitat l-artikolu 382A rigwardanti Ordnijiet ta' Trazzin u dan din il-Qorti tifhem li tenut kont tal-fatt li dik kienet l-ordni mahruga fil-konfront tal-appellant pero kif ikkunsidrat jirrizulta li l-appellant ma kienx akkuzat ta' ksur ta' Ordni ta' Trazzin izda ta' ksur ta' wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet ta' Ordni ta' Protezzjoni minkejja li l-appellant ma kellu l-ebda Ordni ta' Protezzjoni imposta fuqu.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkunsidra jekk setghetx l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ssib htija ta' ksur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minkejja li l-akkuza in kwistjoni erronjament tindika li naqas milli jservi jew li kiser wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu minn Ordni ta' Protezzjoni bi u dan bi ksur tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

L-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*'Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.*

*Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) vs Christopher Ryan iben Mark, imwieled Pieta', fit-12 ta' Gunju, 1994, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 297494(M) U Joshua Xerri iben Gaetano, imwieled Pieta', fid-19 ta' Otturbu, 1991, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 571991(M)'**[2] gie kkunsidrat:

*'Illi l-Avukat Generali hu tal-fehma li l-ewwel Qorti zbaljat meta helset lill-appellati mill-osservanza tal-gudizzju a bazi ta' zball ta' data meta gew kommessi l-allegat reati. Fil-korp tar-rikors tieghu ghamel referenza ghall-zewg sentenzi li javallaw it-tezi tieghu. Min-naha tal-appellati l-abbli difensuri ndikaw lill-Qorti gurisprudenza aktar recenti ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, li jimmilataw favur l-argumenti taghhom li kien hemm l-opportunita' biex dan l-izball jigi sanat izda la l-prosekuzzjoni u lanqas l-Avukat Generali ma talbu sanatorja ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta fid-decizjoni taghha. Hawnhekk, ghandha ssir referenza ghall-zewg appelli decizi t-tnejn fid-19 ta' Ottubru, 2011 fl-ismijjet Il-Pulizija v. Warren Piscopo u Il-Pulizija v. Ruth Theuma (it-tnejn per Imhallef David Scicluna). F'dawn iz-zewg sentenzi l-meritu kien il-hin u l-Qorti laqghet it-talba li kien hemm hinijiet differenti minn meta allegatament sar ir-reat ghal meta fil-fatt realment sar l-allegat reat.*

*Illi f'dan il-kawza, hawnhekk qed nitkellmu dwar avarija ta' ghaxar tijiem u f'dan il-process kien hemm wisq opportunitajiet biex jigi senat tali zball.*

*Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-ewwel Qorti li lahqet tali decizjoni anki fuq l-iskorta tas-sentenzi hawn fuq indikati.*

*Ghaldaqstant, tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.'*

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' April, 2014 (Appell Kriminali Numru: 477/2012)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Warren Piscopo'**[3] gie kkunsidrat li:

'**8.** *Fil-kaz in ezami l-appellant gie akkuzat b'numru ta' reati li allegatament sehhew "ghall-habta ta' 06.10 am". Il-provi jitkellmu dwar incident li sehh fis-6.00 p.m. jew ghall-habta tas-6.10 p.m. (ara rapport tal-Pulizija, skizz, u affidavit ta' W.P.S. 61 M. Cuschieri). Mela l-prosekuzzjoni setghet liberament titlob korrezzjoni fl-akkuza, izda dan naqset milli taghmlu nonostante illi hija stess pprezentat provi dokumentarji mnejn kien jirrizulta l-hin korrett. L-appellant mbaghad, kif jirrizulta mis-sentenza appellata, instab hati ta' reati li allegatament sehhew ghall-habta tas-6.10 a.m. Evidentement ma setax jinsab hekk hati galadarba l-provi jirrigwardaw incident li sehh fis-6.10 p.m. F'kaz simili deciz minn din il-Qorti fit-18 ta' Ottubru 2005, u cioe` l-Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. John Mary Briffa****, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal:*

***"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl- imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl- imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il- prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament."***

*Dan japplika mutatis mutandis ghall-kaz odjern fejn il- prosekuzzjoni ma ghamlet l-ebda talba ghal korrezzjoni fic-citazzjoni u fejn l-ewwel Qorti sabet htija skond kif spjegat fit-tieni paragrafu ta' din is-sentenza dwar incident li allegatament sehh ghall-habta tas-6.10 a.m. mentri l- incident li fih kien involut l-appellant sehh ghall-habta tas- 6.10 p.m. Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l- appellant jimmerita akkoljiment.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Nadia Lanzon) Vs Rita Zammit'**[4] gie kkunsidrat li:

'*Ghal kull buon fini pero' jigi osservat bhala linea ta' gwida li l-Ewwel Qorti ghamlet sew li*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Ottubru, 2011 (Appell Kriminali Numru: 508/2010)
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' April, 2005 (Appell Kriminali Numru: 291/2004)

*ma laqghetx it-talba ghall- korrezzjoni tac-citazzjoni f' cirkostanza tant materjali w sostanzjali bhal ma hija d-data tal-kommissjoni tal-allegat reat , wara li mhux biss kienu gew konkjuzi l-provi tal- prosekuzzjoni , imma sahansitra kienet xehdet l-appellata u ghalqet il-provi taghha w saret it-trattazzjoni mid-difiza w sahansitra l-kawza kienet gja differita ghas-sentenza. Meta l-appellata ddecidiet li toffri x-xhieda taghha, hija kellha sitwazzjoni kristallizata quddiemha u cioe' serje ta' provi li kollha jindikaw li l-allegat reat kien gara xaharejn qabel id-data indikata , sia pure erronjament mill- prosekuzzjoni, fl-akkuza. Ghalhekk meta ppreparat id- difiza taghha kellha kull dritt tistenna li ma jiccaqalqux il- lasti w l-parametri tal-akkuza minn dawk li kienu sa mill- bidu nett tal-kawza . Altrimenti , kieku jigu ammessi korrezzjonijiet ta' natura hekk sostanzjali, wara li jkun xehed l-akkuzat u d-difiza tkun ghalqet il-kaz taghha , dan ikun abbuz lampanti mill-process penali a skapitu tal-persuna akkuzata w tali agir , apparti li fil-fehma ta' din il- Qorti ikun jikkostitwixxi minaccja serja ghad-dritt ta' smiegh xieraq , ikun qed ikun ingust mad-difiza w mall- akkuzat b' mod li johloq pregudizzju w dannu rrimedjabbli.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Frank Borg'**[5] gie kkunsidrat li:

*'Hu "jus receptum" li fil-ġudizzji sommarji ċ-ċitazzjoni ma hijiex hlief ordni ta' komparizzjoni, l-enunċjazzjoni tal-fatti kontenuti fiha ma hix il-bażi essenzjali in assolnta ta' l-inkriminazzjoni, u l-Qorti tista' tikkonvinċi lill-imputat ta' reat diversi minn dak li jidderivi minn dik l-enunċjazzjoni u li jirriżulta mill-provi li jkunu saru: basta jingħata lill-imputat, jekk jitlob hekk, terminu biex jiddefendi ruħu kontra l-imputazzjoni ta' dan ir-reat l-ieħor. Id-difiża qalet, pero', li dan ma jibqgħax aktar veru meta t-trattazzjoni bħal ma verament ġara f' dan il-każ, kienet magħluqa, għax kienu nstemgħu l-provi kollha u l-kawża kienet differita għas-sentenza. '*

Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur W. Spiteri) Vs Edward Zammit'**[6], il-Qorti kkunsidrat li:

*'lli l-ahhar aggravju jirrigwarda d-dicitura tac-citazzjoni li tghid li hu naqas li jaghti manteniment "ta' LM80 dovut lill- martek Josette u lill-ibnek Clive ta' 14 il-sena kif stabilit*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Marzu, 1954
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru, 2003 (Appell Kriminali Numru: 127/2003)

*bil- Qorti fit-22 ta' Marzu, 1993".*

*Illi fil-fehma ta'din il-Qorti , id-dicitura tac-citazjoni hija ferm impreciza w addirittura zbaljata. Ibda biex l-obbligu tal- appellant ma kienx johrog minn ordni ta' Qorti imma minn kuntratt ta' separazzjoni bonarja. Hu minnu li jista' jigi argumentat li kuntratt simili jrid ikollu l-approvazzjoni tal- Onorabbli Qorti Civili , Sekond' Awla , imma altru approvazzjoni w altru ordni . U ghalkemm il-ligi kif recentement emendata fis- sub-inciz (z) tal-artikolu 338 tal-Kodici Kriminali ,tirrendi anki ksur tal-obbligu naxxenti minn kuntratt punibbli taht din il-kontravvenzjoni, c- citazzjoni zgur li hi zbaljata fir-rigward u hadd ma talab u ottjena l-korrezzjoni ta' dan l-izball. Inoltre anki d-data msemmija hija zbaljata ghaliex il-kuntratt - kif intqal fuq - igib id-data tal-10 ta' Marzu, 1993 u mhux tat-22 ta' Marzu, 1993. Din l-ahhar data li tidher fuq l-ahhar pagna tal-kuntratt esebit hija biss id-data tat-timbru ta' meta harget il-vera kopja tal-istess kuntratt . Dan kien zball iehor banali fl-akkuza li ma giex korrett . Fl-ahhar nett, l- ammont pagabbli skond il-kuntratt kien ta' LM20 fil- gimgha w mhux ta' LM80 , b'mod li f'xahar bhal Marzu li fih 31 jum , x'aktarx li jkunu dovuti aktar minn LM80 f' kull kaz.*

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dawn l-indikazzjonijiet kollha mprecizi fil-komparixxi , ladarba ma ntalbitx korrezzjoni taghhom quddiem l-Ewwel Qorti , ghandhom iwasslu ghall-liberazzjoni tal-appellant fil-mertu. Ghalhekk it-tielet aggravju ukoll jidher fondat*'.

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta ampjament car li l-imputazzjoni mahruga fil-konfront tal-appellant hija erronja stante li kif ikkunsidrat tirreferi ghal nuqqas li jservi jew ksur ta' wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuq l-appellant minn <u>Ordni ta' Protezzjoni</u> bi ksur tal-<u>artikolu 413C</u> tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kien hemm l-ebda Ordni ta' Protezzjoni imposta fuq l-appellant izda Ordni ta' Trazzin.

Minkejja li ma jirrizultax li dan il-punt tqajjem fit-trattazzjoni tad-difiza, la darba l-prosekuzzjoni ma talbitx il-korrezzjoni tal-imputazzzjoni in kwistjoni, l-Ewwel Qorti ma setghetx issib '*l-imputat hati tal-ksur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*' artikolu li korrettament jirrigwarda Ordnijiet ta' Trazzin meta l-akkuza kienet tirrigwarda ksur ta' Ordni ta' Protezzjoni bi ksur tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordni li ma kinitx imposta fuq l-appellant. Il-prosekuzzjoni akkuzat

lill-appellant b'nuqqas li jservi jew li kiser wahda jew iktar mill-kundizzjonijiet imposti f'Ordni ta' Protezzjoni, liema ordni kienet tifforma parti integrali mill-akkuza u ghalhekk kien jispetta lil prosekuzzjoni li tintebah b'dan l-izball u li titlob il-korrezzjoni relattiva.

L-Ewwel aggravju tal-appellant qieghed ghalhekk jigi milqugh. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra l-aggravji l-ohra mressqa mill-appellant.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda ghar-ragunijiet ikkunsidrati, tilqa' l-ewwel aggravju, tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti nhar id-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) kemm fil-htija u fil-piena u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena.

*(ft)* Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur